# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 744/2005**

***JOSEPH U MARY SIVE MARCELLE KONJUĠI ABELA***

***VS.***

***SANTINO GAUCI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' ZEJTUN DEVELOPMENTS LIMITED U B'DIGRIET TAL-11 TA' OTTUBRU, 2006 ISSEJĦU FIL-KAWŻA CORNELIUS SIVE MAURICE SCIFO DIAMANTINO, MACE DEVELOPMENTS LIMITED, A & M DEVELOPMENTS LIMITED U L-PERIT ARKITETT JOSEPH U MARTU NATHALIE MIŻŻEWĠIN BONDIN***

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-atturi miżżewġin Abela ppreżentat fis-17 ta' Awwissu, 2005, li permezz tiegħu huma talbu lil din il-qorti sabiex tikkonferma b'mod perpetwu digriet ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1179/05 u biex tipprovdi għall-ħlas ta' danni bħala riżultat ta' dak miżmum bil-mandat (ara paġni 1 sa 5 tal-atti);

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Santino Gauċi *nomine* mressqa fis-16 ta' Settembru, 2005 (ara paġni 50 sa 53 tal-atti);

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti tal-11 ta' Ottubru, 2006, li permezz tiegħu ġew imsejħa fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, Mace Developments Limited, A & M Developments Limited u l-Perit Arkitett Joseph u martu Nathalie miżżewġin Bondin (ara paġna 148A tal-atti);

4. Rat in-noti tal-eċċezzjonijiet ta' Mace Developments Limited u ta' Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino tas-17 ta' Novembru, 2006 (ara paġni 469 sa 484 tal-atti);

5. Rat li l-attur Joseph Abela miet fit-13 ta' Mejju, 2014 skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jinsab f'paġna 1217 tal-atti;

6. Rat li l-imsejjaħ fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino miet fl-24 ta' Ottubru, 2015 skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jinsab f'paġna 1247 tal-atti;

7. Rat li l-kawża tħalliet *sine die* skont verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2020 (ara paġna 1266 tal-atti);

8. Rat li b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2020, il-kawża reġgħet ġiet appuntata mill-ġdid għad-9 ta' Settembru, 2020;

9. Rat il-verbal tal-4 ta' Ġunju, 2021 (ara paġni 1290 u 1291 tal-atti) fejn il-qorti ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bżonn li l-partijiet jindirizzaw it-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-mejtin Joseph Abela (l-attur) u Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino (l-imsejjaħ fil-kawża);

10. Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru, 2021 (ara paġni 1292 sa 1293 tal-atti), li permezz tiegħu din il-qorti ħalliet il-kawża *sine die* peress li l-atturi baqgħu ma ħadux ħsieb li jilleġittimaw l-atti skont il-liġi;

11. Tqis li skont l-atti tal-proċess, l-aħħar xhud li nstema' f'din il-kawża kien Oliver Magro fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2014 (ara paġni 1204 sa 1207 tal-atti);

12. Tqis ukoll li minn dik id-data sal-lum, madwar tmien snin wara, tista' tgħid ma sar xejn fil-kawża. Li seħħ ta' rilevanza kien biss: il-mewt tal-attur Joseph Abela u tal-imsejjaħ fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino u ż-żewġ digrieti tal-qorti li permezz tagħhom il-kawża tpoġġiet *sine die*;

13. Tqis ukoll li fl-atti tal-kawża tressqu żewġ rikorsi kunfliġġenti dwar kif l-atti ta' Joseph Abela għandhom jiġu trasfużi;

14. Tqis illi dan kollu jixhed nuqqas ta' ħeġġa u galbu biex din il-kawża titkompla 'l quddiem;

15. Tqis li skont l-**artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** kawża differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża;

16. Tqis li din il-qorti ma appuntatx il-kawża f'dawn it-tliet xhur mis-16 ta' Settembru, 2021;

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda tiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk tordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tagħha.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2021.**

_________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**